

32003R1398

6.8.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 198/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1398/2003

tal-5 ta' Awissu 2003

li jemenda l-Anness A mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE biex jinkludi l-ħanfusa ż-żgħira tax-xehda magħrufa bħala (*Aethina tumida*), l-akaru *Tropilaelaps* spp.), l-Ebola u l-ġidri tax-xadini

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta' l-annimali fi ħdan u l-importazzjonijiet fil-Komunità, is-semen, l-ova u u l-embrijuni li mhumiex suġġetti għall-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fregoli speċifiċi tal-Komunità imsemmin fl-Anness A (1) mad-Direttiva 90/425/KEE⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 22, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kummerċ u l-importazzjoni tan-naħal fil-Komunità huwa regolat bid-Direttiva 92/65/KEE. Id-Direttiva 92/65/KEE tistabbilixxi ċertu regoli li jirrigwardaw l-annimali u l-ispeċi suxxettibbli għall-mard li huwa notifikabbli imsemmi fl-Anness A għal dik id-Direttiva.
- (2) Il-ħanfusa ż-żgħira tax-xehda (*Aethina tumida*) hija pest eżotiku li jeffettwa in-naħal ta' l-għasel u żunżan li nxterdet mill-Afrika għal numru ta' pajjiżi terzi oħra, li joħolqu problemi serji għall-industrija ta' l-apikultura.
- (3) Il-ħanfusa ż-żgħira mhiex elenkata mill-Office Internationale des Epizooties (OIE) u l-informazzjoni rigward kemm inxtered l-infestazzjoni f'pajjiżi terzi mhiex disponibbli.
- (4) Ma kien hemm rappurtat l-ebda każ fil-Komunità. Madankollu, l-ħanfusa ż-żgħira tax-xehda mhix marda notifikabbli fil-Komunitajiet Ewropej taħt id-Direttiva 92/65/KEE.
- (5) Jekk tiddaħħal fil-Komunità, il-ħanfusa ż-żgħira tax-xehda tkun tista' ġġib konsegwenzi devastanti fuq is-saħħa tan-naħal ta' l-għasel, fuq l-industrija ta' l-apikultura u fuq il-prodotti ta' l-għasel.
- (6) *Tropilaelaps* (*Tropilaelaps* spp.) huwa akaru parasitta eżotiku li jeffettwa n-naħal ta' l-għasel li jinstab prinċiparjament fl-Asja tax-Xlokk iżda jekk jiddaħħal fil-

Komunità jista jkollu konsegwenzi devastanti fuq is-saħħa tan-naħal ta' l-għasel, fuq l-industrija ta' l-apikultura u fuq il-prodotti ta' l-għasel.

- (7) It-*Tropilaelaps* hija marda notifikabbli lill-OIE. Madankollu, l-ħanfusa ż-żgħira tax-xehda mhix marda notifikabbli fil-Komunitajiet Ewropej taħt id-Direttiva 92/65/KEE.
- (8) Il-virus ta' l-Ebola u tal-ġidri tax-xadini reġistrati minn żmien għal żmien f'ċerti pajjiżi terzi u l-miżuri tal-Komunità biex jiġu restritti l-importazzjoni ittieħdu kontra l-Ebola u l-ġidri tax-xadini għax dan il-mard zoonotiku jistgħu jeffettwaw jew ikunu trasportati minn ċertu annimali; huwa għalhekk opportun illi jkun hemm trasparenza u ċarezza li dan il-mard jkun inkluż bħala notifikabbli taħt id-Direttiva 92/65/KEE.
- (9) Għalhekk huwa meħtieġ li l-ħanfusa ż-żgħira tax-xehda, it-*Tropilaelaps* spp., il-virus ta' l-Ebola u l-virus tal-ġidri tax-xadini jiġu miżjuda mal-mard notifikabbli fl-Anness A mad-Direttiva 92/65/KEE.
- (10) Id-Direttiva 92/65/KEE għandha għalhekk tiġi emendata biex tirrifletti dan l-istat ta' fatt.
- (11) Il-miżuri prevvisti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness A għad-Direttiva 92/65/KEE huwa emendat skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-14.9.92, p. 54.

⁽²⁾ ĠU L 146, tat-13.6.3, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjal ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 5 Awissu 2003.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

L-Anness A għad-Direttiva 92/65/KEE huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-ANNESS A

Il-mard notifikabbli fil-kuntest ta' din id-Direttiva.

Marda	Ordni/familja/speċi primarjament konċernata
Marda Afrikana taż-żwiemel	<i>Ekwidej</i>
Id-deni tal-ħnieżer nisa	<i>Swidej u Tajasswidej</i>
L-influenza ta' l-għasafar	Tjur
Foulbrood Amerikana	Apis
Antraċi	<i>Bovidae, Camelidae, Cervidae, Elephantidae, Ekwidej u Hippo-potamidae</i>
Bluetongue	<i>Antilocapridae, Bovidae, Cervidae, Giraffidae, u Rhinocerotidae</i>
Brucella abortus	<i>Antilocapridae, Bovidae, Camelidae, Cervidae, Giraffidae, Hippo-potamidae u Tragulidae</i>
Brucella melitensis	<i>Antilocapridae, Bovidae, Camelidae, Cervidae, Giraffidae, Hippo-potamidae u Tragulidae</i>
Brucella ovis	<i>Camelidae, Tragulidae, Cervidae, Giraffidae, Bovidae u Antilocapridae</i>
Brucella suis	<i>Cervidae, Leporidae, Ovibos moschatus, Suidae u Tayassuidae</i>
Swine Fever Klassika	<i>Suidae u Tayassuidae</i>
Pleuropneumonia kontaġjuża tal-bovini	Bovini (inklużi zebru, buflu, bizonte u yak)
Ebola	Primati mhux umani
Mard ta' l-ilsien u d-dwiefer	Artiodactyla u iljunfati Asjatiċi
Infectious haematopoietic necrosis	Salmonide
Marda tal-ġilda mħattba	<i>Bovidae u Giraffidae</i>
Monkey pox	Rodentia u primati mhux umani
Mycobacterium bovis	<i>Mammiferi, parkikolarment Antilocapridae, Bovidae, Camelidae, Cervidae, Giraffidae, u Tragulidae</i>
Newcastle disease	Aves
Peste des petits ruminants	<i>Bovidae u Suidae</i>
Porcine enterovirus encephalomyelitis	Suidae
Psitacosis	Psittaciformes
Rabies	<i>Carnivora u Chiroptera</i>
Rift valley fever	<i>Bovidae, Camelus speċi u Rhinocerotidae</i>
Rinderpest	Artiodactyla
Small hive beetle (<i>Aethina tumida</i>)	Apis u <i>Bombus</i>

Marda	Ordni/familja/speċi primarjament konċernata
Sheep and goat pox	Bovidae
Marda vexxikoluża tal-majjal	<i>Suidae</i> u <i>Tayassuidae</i>
Tropilaelaps mite (<i>Tropilaelaps</i> spp).	Apis
Vexxikoluża stomatitis	<i>Artiodactyla</i> u <i>Equidae</i>
TSE	<i>Bovidae</i> , <i>Cervidae</i> , <i>Felidae</i> u <i>Mustelidae</i> "